# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 11 ta' Lulju 2024**

**Numru 2**

**Rikors Numru 467/21TA**

**Ekramy Abdel Aziz Mobarak (K.I. 22147A)**
**vs**
**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u**
**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Ekramy Abdel Aziz Mobarak (ir-rikorrent) tal-14 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-esponenti għandu relazzjoni extramaritali ma' ċertu Fakak Bouchra u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla Yasmine Mobarak fl-1 ta' Ġunju, 2005.

2. Illi peress li omm it-tifla kienet miżżewġa lil ċertu Martin Farrugia fil-perjodu li twieldet Yasmine, din ġiet reġistrata awtomatikament bħala bint Martin Farrugia.

3. Illi fit-28 ta' Novembru 2007, l-esponenti kien weħel sentenza ta tnax-il sena priġunerija. Fil-perjodu li dam il-ħabs, l-esponenti baqa' f'kuntatt kontinwu mat-tifla Yasmine u ommha Fakak b'dan illi l-introjtu li kien jiġġestixxi fil-ħabs kien jgħaddih kollu lil Fakak għall-manteniment ta' binthom.

4. Illi waqt li kien qed jiskonta s-sentenza karċerarja, l-esponenti ta l-kontribut tiegħu anke għall-manutenzjoni u t-tiswija ta' Diviżjoni 7 tant li l-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali kien bagħatlu ittra ta' apprezzament għax-xogħol siewi li l-esponenti għamel u li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **Dok EM1**.

5. Illi kif ħareġ mill-Faċililtà Korrettiva ta' Kordin u finalment ingħaqad ma' bintu Yasmine, l-esponenti flimkien ma' seħbitu Fakak, fetħu kumpanija bl-isem 'EBY Construction (Import/Export) Company Ltd', u saħansitra bdew joperaw ħanut bl-isem 'Soap Pure', u dan sabiex l-istess esponenti ikun jista' jmantni, jgħallem u jeduka lil bintu bl-aħjar mod possibbli.

6. Illi fl-14 t'Awwissu 2015, l-intimat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ħareġ deċiżjoni ta' ritorn kontra l-esponenti u konsegwentement, hu safa mifrud minn bintu li tant jgħożż peress li kien qed jinżamm taħt arrest preventiv (**Dok. EM 2)**. Peress li l-esponenti ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni li jiġi rimpatrijat wara li finalment kien qed igawdi lil bintu li tant iħobb, hu interpona appell mill-imsemmija deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni.

7. Illi fl-1 ta' Settembru 2015, l-esponenti ġie rilaxxat mill-arrest preventiv fuq depożitu ta' elfejn Ewro (€2,000) li ġie mħallas minn seħbitu Fakak u b'hekk l-esponenti reġa' ingħaqad ma' bintu Yasmine, u ilu hekk jgħix magħhom għal dawn l-ahhar sitt snin (**Dok. EM3).**

8. Illi l-esponenti flimkien ma' seħbitu Fakak ilhom snin twal jgħixu flimkien u jixtiequ jistabilixxu familja ġewwa Malta, u dan billi huma jiżżewġu iżda minkejja d-diversi tentattivi tagħhom sabiex huma jingħaqdu fiż-żwieġ, huma ġew preklużi milli jagħmlu dan meta r-Reġistratur taż-Żwieġ irrifjuta li jniehed il-proċeduri u t-tnehdijiet sabiex huma jiżżewġu.

9. Illi b'hekk, fis-6 ta' Marzu 2018, l-esponenti fetaħ kawża quddiem l-Onor. Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) li permezz tagħha talab dikjarazzjoni li id-deċiżjoni li hu jiġi deportat lura l-pajjiż fejn ġie mwieled u dan minkejja l-biża' reali li teżisti, li l-istess ser jiġi espost għall-attakki terroristiċi, kif ukoll li r-rifjut da parti tar-Reġistratur taż-Żwieġ li l-esponenti u seħbitu Fakak jiġu preklużi milli jikkontrattaw żwieġ bejniethom jivvjola b'mod manifest u jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tat-tgawdija tal-familja kif sanċit fl-Artikolu 8 kif ukoll l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

10. Illi permezz tas-sentenza tagħha tal-20 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet: *Akrami Fadl Alla Ebdel Aziz Mobarak u Fakak Bouchra vs l-Avukat Ġenerali, Id-Direttur Ġenerali fid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati, Il-Kummissarju tal-Pulizija u r-Reġistratur taż-Żwieġ*, l-Onor. Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) iddeċidiet li tiddikjara in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrenti Ekramy Abdel Aziz Mobarak u Fakak Bouchra.

11. Illi sussegwentement, peress li l-esponenti għandu relazzjoni tajba ħafna ma' bintu Yasmine, fil-25 t'Ottubru 2019, hu beda proċeduri ta' paternità

quddiem l-Onor. Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja, u dan sabiex hu jkun jista' jirrikonoxxi lil Yasmine formalment bħala bintu.

12. Illi permezz tas-sentenza tagħha tas-16 t'April 2020 fl-ismijiet: *Mobarak Ekramy vs Fakak Bouchra pro et noe et*, l-Onor. Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja laqgħet it-talbiet tal-esponenti b'dan illi ddikjaratu bħala l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri Yasmine u konsegwentament ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet tiegħu fuq l-att tat-twelid tal-istess minuri Yasmine. Fil-fatt, illum il-ġurnata, l-att tat-twelid tal-minuri Yasmine jindika lil esponenti bħala l-missier naturali tagħha (**Dok EM4**).

13. Illi wara li l-esponenti irnexxielu jirrikonoxxi lil bintu Yasmine, beda negozju u saħansitra beda jopera ħanut biex ikun jista' jmantni lil bintu bl-aħjar mod possibbli, permezz tas-sentenza datata fil-11 ta' Settembru 2020, pero' deċiża fis-16 t'Ottubru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet: *Ekramy Abdel Aziz Mobarak vs L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni*, il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni ddeċieda li jikkonferma d-deċiżjoni ta' ritorn bħala korretta filwaqt li ċaħad l-appell tal-esponenti (**Dok. EM 5**).

14. Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat sew b'din id-deċiżjoni u b'hekk huwa interpona appell mill-imsemmija deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri).

15. Illi permezz tas-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 2021, il-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) ċaħdet l-appell tal-esponenti u kkonfermat id-deċiżjoni mogħtija fil-11 ta' Settembru, 2020 u kkonfermat id-deċiżjoni ta' ritorn tal-esponenti.

**Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri**

16. Illi d-deċiżjoni tal-intimat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni biex l-esponenti jiġi deportat lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu tidderuba lill-istess esponenti mit-tgawdija ta' bintu minuri li tant iħobb u li ilu jmantni għal snin sħaħ minn mindu twieldet, filwaqt li tidderubah miċ-ċans li jkompli jiżviluppa relazzjoni familjali magħha.

17. Illi kif ġie pronunzjat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża *Nazarenko v. Russia*:

> "(…) ***the complete and automatic exclusion of the applicant from his child's life*** *(omissis)* ***without properly considering the child's best interests, amounted to a failure to respect the applicant's family life***."[1]

18. Illi minkejja l-fatt li l-esponenti minn dejjem kien igawdi relazzjoni tajba ferm ma' bintu, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea ġie nterpretat li jipprovdi saħansitra għall-eventwali relazzjoni li jaf tiżviluppa bejn ġenitur naturali u wild fejn saħansitra tali relazzjoni tkun għadha mhix stabbilita kif ġie

[1] §§ 65-66.

enunċjat fis-sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet *Nylund vs Finland* u *Shavdarov v. Bulgaria*:

> "*the Court considers that **Article 8 cannot be interpreted as only protecting family life which has already been established** but, where the circumstances warrant it, **must extend to the potential relationship which may develop between a natural father and a child born out of wedlock***."

19. Illi barra minn hekk, l-esponenti ilu jirrisjedi Malta aktar minn għoxrin sena u ċioè minn Diċembru tal-1999 u matul dan iż-żmien, huwa bena familja u negozju u integra b'mod konkret u sħiħ mal-komunità Maltija.

20. Ill f'dan ir-rigward, il-*Committee of Ministers Recommendations Rec(2000)15 concerning the security of residence of long-term migrants* jistipulaw f'paragrafu 4(b) illi:

> "*As regards the* ***protection against expulsion*** (...) *In application of the principle of proportionality as stated in paragraph 4 (a),* ***member States should duly take into consideration the length or type of residence in relation to the seriousness of the crime committed by the long-term immigrant****. More particularly,* ***member States may provide that a long-term immigrant should not be expelled****:*
> *– after five years of residence, except in the case of a conviction for a criminal offence where sentenced to in excess of two years' imprisonment without suspension; – after ten years of residence, except in the case of a conviction for a criminal offence where sentenced to in excess of five years of imprisonment without suspension.* ***After twenty years of residence, a long-term immigrant should no longer be expellable****.*".

21. Illi fl-isfond tas-suespost u fl-umli fehma tal-esponenti, id-deċiżjoni ta' ritorn tal-intimat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni tal-14 t'Awwissu 2015 tammonta għal ksur tad-dritt tal-istess esponent kif sanċit taħt l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

22. Illi l-esponenti jiddikjara li hu jaf personalment b'dawn il-fatti.

**Talbiet**

Jgħid għalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, kif ukoll għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi li bid-deċiżjoni ta' ritorn maħruġa mill-intimat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni fl-14 t'Awwissu 2015, ir-rikorrenti ġarrab, qiegħed iġarrab u/jew jista' jġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familjari tiegħu kif sanċiti bl-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

ii. Tordna it-tħassir tal-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn maħruġa mill-intimat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni fl-14 t'Awwissu 2015 u konsegwentement tiddikjara li l-esponenti għandu dritt jirrisjedi fil-ġżejjer Maltin flimkien ma' seħbitu Fakak Bouchra u bintu Yasmine Mobarak;

iii. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għal kumpens u danni sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn maħruġa mill-intimat Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni fl-14 t'Awwissu 2015;

iv. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, ai termini tal-liġi u tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; u

v. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens ta' danni likwidati ai termini tal-liġi u tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, li minn issa huma nġunti sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni u tal-Kummissarju tal-Pulizija (l-intimati Awtoritajiet) tas-17 ta' Awwizzu 2021 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

Illi s-segwenti eccezzjonijiet qeghdin jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin:

**<u>Eccezzjonijiet Preliminari</u>**

1. Illi gialadarba m'hijiex qieghda tigi attakata ligi specifika imma l-agir tal-ufficcjal principali tal-Immigrazzjoni, l-esponent Avukat tal-Istat m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet odjerni;

**<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti maghrufa lill-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni</u>**

1. Illi huwa pacifiku illi l-attur gie kkundanat tnax il-sena prigunerija fit-28 ta' Novembru 2007 permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali (7/2007) fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta Vs Ekramy Fadl Alla Abdel Aziz Mobarak*" (kopja informali hawn annessa u mmarkata Dok '**PIO 1**');

2. Illi huwa pacifiku illi l-attur ghandu fuqu impost *removal order* u *return decision* mahruga mill-esponent ufficcjal principal tal-immigrazzjoni datati 14 ta' Awissu 2015 (Vide Dok 'EM2' u Dok 'EM3') u dan abbazi tas-sentenza kriminali hawn fuq esposta;

3. Illi huwa pacifiku illi l-attur appella mid-decizjoni tal-ufficcjal principal tal-immigrazzjoni quddiem il-Bord tal-appelli dwar l-immigrazzjoni u fil-11 ta' Settembru 2020 l-istess Bord cahad l-appell tieghu;

4. Illi huwa pacifiku wkoll illi l-attur appella mid-decizjoni tal-imsemmi Bord quddiem il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) liema Qorti fl-14 ta' Lulju 2021 kkonfermat id-decizjoni tal-Bord bhala wahda korretta;

5. Illi huwa pacifiku wkoll illi permezz tas-sentenza tas-16 ta' April 2020 fl-ismijiet *"Mobarak Ekramy vs Fakak Bouchra pro et noe et"* il-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja" iddikjarat illi l-attur huwa l-Missier naturali u bijologiku tal-minuri Yasmine Mobarak u ma ghamlet ebda dikjarazzjoni ulterjuri dwar ir-relazzjoni familjarji bejn il-missier naturali u l-minuri;[2]

6. Illi wara li nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fl-14 ta' Lulju 2021 kif deskritt hawn fuq, l-attur intavola dan il-mandat ta' inibizzjoni sabiex iwaqqaf u jistultifika ir-*return decision* tal-esponent ufficcjal principal tal-immigrazzjoni;

7. Illi gialadarba ma saret ebda talba dwar ir-*removal order* tal-14 ta' Awissu 2015, l-esponent Ufficcjal principal tal-Immigrazzjoni m'huwiex mwaqqaf milli jzomm taht arrest/detenzjoni l-attur;

8. Illi fl-14 ta' Lulju 2021 gie intavolat mandat ta inibizzjoni fil-konfront tal-esponent ufficcjal principal tal-immigrazzjoni u l-Kummissarju tal-Pulizija liema mandat ta' inibizzjoni gie michud permezz ta' digriet fil-5 ta' Awissu 2021 (kopja informali tad-digriet qieghed jigi anness u mmarat bhala Dok '**PIO 4**')

**Eccezzjonijiet fil-Mertu**

9. Illi bhala fatti jirrizulta li r-rikorrent huwa immigrant projbit ai termini tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta` Malta. L-artikolu 5 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta` Malta jistabilixxi s-setgha li ghandu l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni li johrog *Removal Order* u *return decision* proprju meta persuna li tkun f`Malta illegalment tkun instabet ukoll hatja ta` reat li jgorr piena ta` iktar minn sena prigunerija. Gara li fl-14 ta` Awissu 2015 inharget ordni ta` tnehhija fil-konfront tar-rikorrent wara li nstab hati mill-Qrati kriminali ta` reat li jgorr mieghu piena ta` iktar minn sena prigunerija. Ir-rikorrent intavola appell quddiem l-Immigration Appeals Board liema appell gie michud permezz ta` decizjoni datata 11 ta` Settembru 2020 (Vide Dok EM5 anness mar-rikors promotur). Illi permezz ta decizjoni tal-14 ta' Lulju 2021 il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) kkonfermat id-decizjoni tal-imsemmi Bord (kopja informali tas-sentenza qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok '**PIO 2**')

[2] Silta mis-setenza tal-Qorti (sezzjoni tal-familja): *"Jiġi osservat, li in segwitu għall-ewwel tlett talbiet, l-attur talab biex jiġi fdat bil-kura u kustodja taż-żewġ minuri E u F u sabiex l-intimata tiġi ordnata tħallas il-manteniment għaż-żewġ minuri. Illi dawn it-talbiet ma jistgħux jsiru f'kawża ta' paternita', għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn it-talbiet."*

10. Illi interessanti li kemm quddiem il-Bord kif wkoll quddiem il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri), gie rilevat bl-aktar mod car illi d-decizjoni tal-esponent ufficcjal principal tal-Immigrazzjoni hija legalment inattakabbli. Illi aktar minn hekk, gie kkunsidrat ukoll illi l-attur ma gab ebda prova sabiex juri illi huwa ghandu *a positive familiar relationship* mal-minuri Yasmine Mobarak. Huwa inghata l-opportunita' illi jressaq tali provi. Sahanistra l-Bord ha konijizzjoni tas-sentenza dwar l-paternita' tal-attur fil-konfront tal-minuri imma ma kkunsidrax illi tali sentenza taghmel kunsiderazzjonijiet dwar *any meaningful familiar connection.*

Huwa siewi illi ssir referenza ghal dak illi gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-appell (sede inferjuri) fl-14 ta' Lulju 2021 fejn ikkunsidrat illi:

*"Filwaqt li l-Qorti tgħid li l-Bord għall-kuntrarju ta' dak li ssottometta lappellant, qies id-diversi provi tal-appellant u t-tentattivi tiegħu sabiex jibqa' hawn Malta permezz ta' proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar irRefuġjati, il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sezzjoni talFamilja),* ***sewwa kkonsidra li l-appellant naqas milli jressaq provi in sostenn ta' dak kollu li huwa kien qed jallega, u saħansitra naqas milli joffri x-xhieda tiegħu stess. Għal dak li jirrigwarda l-kostatazzjoni tal-Bord fir-rigward taż-żmien li lappellant ħalla jgħaddi qabel ma istitwixxa l-proċeduri ġudizzjarji opportuni għal dikjarazzjoni ta' paternità, filwaqt li l-Qorti tirrileva li din ma kinitx l-unika konsiderazzjoni li waslet lill-Bord għad-deċiżjoni appellata, tirrileva li lappellant dejjem kellu d-dritt li jitlob għall-għajnuna legali sabiex jintavola dawk il-proċeduri, u għalhekk il-Qorti tqis li mhijiex raġuni tajba l-fatt li huwa kien qiegħed il-ħabs matul snin twal, fejn l-uniku introjtu li kellu kien jgħaddih lil omm il-minuri għall-manteniment tagħha. Għalhekk l-ilmenti tal-appellant mhumiex ġustifikati."***

Illi c-citazzjoni suesposta hija importanti ghaliex l-attur qieghed jipprova jpengi stampa illi huwa ghandu xi relazzjoni pozittiva familjari ma' bintu ghaliex intavola proceduri ta' paternita'. Dawn il-proceduri li fihom nnifishom huma biss dikjaratorji ai fini ta' paternita, gew intavolati erbatax-il (14) sena wara t-twelid tal-minuri. Xejn ma zamm lill-attur milli jintavola tali proceduri. Kien biss, b'kumbinazzjoni liema bhala, illi wara li gie impost fuqu *return decision* u *removal order* illi holom illi jintavola proceduri ta' paternita;

Ghalhekk, gialadarba f'zewg istanzi huwa ma rnexxilux juri din il-*positive familiar relationship*, l-attur ma jistax jabbuza minn proceduri kostituzzjonali sabiex kif jghid il-Malti, jekk ma jghaddiex mill-bieb, jghaddi mit-tieqa. Illi l-ezistenza ta' relazzjoni bijologika m'hijiex bizzejjed sabiex tigi kkonstata *a close personal relationship to attract the protection of article 8*[3].

[3] Vide L.V the Netherlands, paragrafi 37-40

Illi *di piu'* hija kompletament fondata l-affermazzjoni tal-Bord meta jghid illi "*the immigration act does not require that removal orders or return decisions not be carried out should it be established that the person to be returned has children present in Malta*".

Konsegwentament l-fatt illi huwa rnexxilu jirrikonoxxi lill-bintu wara erbatax (14) il-sena ma jfissirx illi issa ghandu d-dritt illi jiskappa removal order u return decision legali imposti fuqu. Lanqas ma jfisser illi ghandu xi dritt illi jirrisjedi fil-gzejjer Maltin kif qed jallega;

11. Illi bir-rispett dovut lejn il-Committee of Ministers li gew citati mill-attur dawn ir-rakomandazzjonijiet m'humiex ligi u m'ghandhom ebda vinkolu fuq id-diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali tas-stat membri. Dan il-fatt jista' jigi kkonstatat facilment mill-website tal-commitee stess: https://www.coe.int/en/web/cm/adopted-texts-information :

"*Recommendations are not binding on member States";*

Illi ghalhekk jekk l-attur qed jikkotendi illi ghaliex skont hu ghamel aktar minn ghoxrin sena residenti gewwa Malta (li m'huwa vera xejn ghax certament tnax (12) il-sena minnhom kien qieghed fil-facilita' korrettiva f'kordin u tali zmien ma jitqiesx bhala residenza) huwa ghandu jedd li ma jigix espulz mill-pajjiz minhabba il-committee of ministers recommendations rec (2000) 15, johrog car illi din ir-rakomandazzjoni m'hija xejn hlief rakomandazzjoni li tista' o meno tigi adottata mis-stati membri;

12. Illi tajjeb li jigi rilevat sahansitra anke talba tar-rikorrent biex jinghata *status* ta` refugjat giet michuda mir-Refugee Appeals Board kif jindika l-istess Bord tal-appelli dwar l-immigrazzjoni fid-decizjoni tieghu;

13. Illi jinghad ukoll li d-dritt ghal familja li jikkontempla l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja m`huwiex xi dritt assolut u tali interferenza fil-hajja familjari hija legittima u gustifikata peress li tali mizura taqa` taht l-interessi tal-Istat li jzomm is-sigurta` pubblika u biex jigi evitat dizordni jew eghmil ta` delitti. Fuq kollox zgur li l-kaz odjern ma jaqax taht dawk il-kazijiet ta` *"extreme urgency"* u *"irreparable harm to life and limb*" li jiggustifikaw xi talba ghal dritt ta residenza gewwa Malta;

14. Illi l-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) permezz ta' digriet kamerali tal-4 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet "***Sherif Mohamed Shennawyh Vs. Avukat Generali et"*** (kopja informali tad-digriet qed jigi anness u mmarkat bhala Dok '**PIO 3**') kkunsidrat is-segwenti:

" *Ikkunsidrat:*

..***the Court is not an appeal tribunal from the asylum and immigration tribunals of Europe…***

***"Where national immigration and asylum procedures carry out their own proper assessment of risk and are seen to operate fairly and with respect for human rights, the Court should only be required to intervene in truly exceptional circumstances".***

*Illi fil-każ preżenti, m'hemm l-ebda dubbju li l-awtoritajiet Maltin aġixxew mhux biss rite, imma wkoll recte, kif jidher ex facie s-sentenza studjata tal-Immigration Appeals Board li mhux biss applikat il-liġi dwar l-immigrazzjoni imma wkoll daħlet fil-fond dwar l-aspetti ta' jeddijiet fundamentali.*

***Illi quddiem din il-Qorti, kif għamel quddiem il-Bord imsemmi, ir-rikorrent jiċċita favur tiegħu il-jedd fundamentali għall-ħajja familjari. Jgħid li għandu għadd ta' tfal, erbgħa minnhom minorenni. 'danakollu, ma jgħidx ċar u tond jekk hux qiegħed imantnihom jew le. Ma jidhirx li jgħixu miegħu****. Ma jirriżultax li m'hemmx min jieħu ħsiebhom fl-assenza tiegħu waqt is-smiegħ tal-kawża kostituzzjonali li fetaħ. Jidher li nstab ħati ta' vjolenza domestika, li, waqt id-depożizzjoni viva voce tiegħu quddiem din il-Qorti, huwa rrifera għaliha bħala kwistjoni normali bejn il-miżżewwġin – attitudni li qajla mpressjonat lil din il-Qorti bħala xi rabta kbira mal-familja tiegħu.* ***Fi kwalunkwe każ m'hemm l-ebda allegazzjoni kredibbli ta' xi ħsara serja u rreparabbli għal dawn it-tfal. Min-naħa l-oħra, l-fatt li ġie misjub ħati ta' delitt li l-piena li għaliha huwa soġġett tintitola lill-awtoritajiet kompetenti biex jiddeportawh iwieżen il-miżien iktar favur id-deportazzjoni tar-rikorrent meta fil-kefef tal-miżien jitpoġġew l-allegat jedd għall-familja min-naħa tar-rikorrent u s-sigurta` pubblika min-naħa l-oħra****."*

Illi l-esponenti jirrilevaw illi il-fatti specie tal-kaz succitat huma komparabbli mal-kaz odjern ghalkemm jitrattaw talba ghal *interim measure*. *Multo magis*, l-istess taghlim illi dik l-Onorabbli Qorti stipulat fid-digriet kamerali ghandu japplika ghal każ odjern u dan ghaliex anki fil-fatti specie tal-vertenza li ghandha quddiema dina l-Onorabbli Qorti, l-minuri m'hijiex ta' eta zghira imma ta' sittax-il sena (16) u tirrisjedi ma' ommha. Aktar minn hekk, xejn ma jzommha milli zzur lill-missier bijologiku fil-pajjiz tal-origini tieghu;

15. Illi l-esponent jirrileva illi l-Qrati Nostrana kif ukoll il-Qorti Ewropeja fi Strasburgu diga' kellha l-opportunita' tistharreg kwistjonijiet li huma simli ghall-vertenza odjerna. Per ezempju fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2019 tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet ***"Sherif Mohamed El Shennawyh vs Avukat Generali et" (82/2018)***

"*Illi r-rikorrent ma jallegax li l-Ordni ta' Tneħħija mhix waħda legali. Bħal kull Stat Sovran ieħor, Malta għandha l-jedd li tkeċċi barranin misjuba ħatja ta' reati kriminali serji; Illi hemm għadd ta' każi deċiżi mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem b'fattispeċje simili għal dak preżenti li fihom il-Qorti sabet li l-espulsjoni ta' persuna barranija kienet waħda proporzjonata, fosthom Comert v Denmark (10.04.2006), Uner v The*

*Netherlands (18.10.2006), Kulekci v Austria (01.06.2017), Salem v Denmark (01.12.2016) u Samsonnikov v Estonia (03.07.2012) iċċitati fid-deċiżjoni tal-Immigration Appeals Board;*

*Illi l-Qorti ma ssibx li l-istess Ordni hija sproporzjonata, tenut kont tal-istorja ta' atti kriminali ripetuti mir-rikorrent, li huma theddida serja għas-sigurta` pubblika, u għad-drittijiet ta' kull persuna li tgħix f'Malta bla biża' u fil-paċi;*

*Illi l-ilment ta' ksur tal-ħajja familjari huwa wieħed ċiniku u fieragħ għall-aħħar; manifestament qiegħed isir biex ir-rikorrent ikompli jgħix hawn Malta, u mhux biex jieħu ħsieb t'uliedu. Din il-Qorti ssibha ferm ripunjanti li wara li ma ħax ħsieb uliedu, ir-rikorrent jipprova jinqeda bihom għall-vantaġġ tiegħu innifsu;"*

Illi bi hniena jinghad illi l-awtoritajiet qeghdin jaqdu dmirijiethom meta jimponu tali ordnijiet ta' tnehhija *stante* illi certament huwa fl-interess pubbliku illi immigrant projbit li kkometta reat ta' traffikar ta' droga li gab mieghu tnax-il (12) sena prigunerija jigi espulz mill-istess pajjiz li kien laqghu b'idejh miftuha;

16. Illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tara dak li fil-giurisprudenza assodata tal-ECHR tissejjah il-*Boutlif criteria*, liema kriterja giet stabbilita fil-kaz ta *boutlif v. Switzerland (54273/00, 47, ECHR 2001-IX)* fejn gie kkunsidrat mill-Qorti fi Strasburgu illi *if the commission of criminal offences in the home state is the justification for expulsion, the relevant considerations in making such determinations are the following:*

- *The nature and seriousness of the offence committed by applicant*
- *The length of the applicant's stay in the country from which he or she is to be expelled;*
- *The elapsed since the offence was committed and the applicant's conduct during that period*
- *The nationalities of the various persons concerned*
- *The applicant's family situation, such as the length of marriage, and other factors expressing the effectiveness of a couple's family life;*
- *Whether the spouse knew about the offence at the time when he or she entered into a family relationship*
- *Whether there are children of the marriage, and if so, their age; and*
- *The seriousness of the difficulties which the spouse is likely to encounter in the country to which the applicant is to be expelled*

Illi applikat il-*boutliff criteria* fil-kaz odjern johrog car illi r-reat ta traffikar ta droga huwa reat serjissimu li interrompa r-residenza tal-attur *stante* illi skonta tnax (12) il-sena prigunerija; illi l-attur mhux mizzeweg ma omm il-minuri; li l-Minuri llum l-gurnata ghanda sittax (16) il-sena u finalment li ma jirrizultax illi la l-minuri u lanqas l-attur mhux ser jigu pregudikati bir-ritorn tal-attur f'pajjizu;

17. Illi aktar minn hekk dwar l-iment tal-attur bbazat fuq l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni l-esponenti jirrilevaw illi fejn hemm ilment illi *r-removal* jista' jinteferixxi mad-dritt ta' immigrant projbit ghar-rispett tal-hajja familjari, l-artiklu 13 tal-konvenzjoni in konessjoni mal-artikolu 8 jirrikjedi illi stat irid jaghti facilita' lill-persuna illi jikkontesta b'mod effettiv id-deportazzjoni permezz ta' salvagwardja procedurali (vide ***De Souza Ribeiro v. France*** [GC], § 83***; M. and Others v. Bulgaria***, §§ 122-132; ***Al-Nashif v. Bulgaria***, § 133). Illi hareg car diga illi l-attur kellu kull rimedju opportun moghti lilu permezz tal-proceduri quddiem il-Bord u l-Qorti tal-Appell. Ghajr jista' jinghad illi l-Istat ma pprovdiex mekkanizmi sabiex persuna tikkontesta l-espulsjoni taghha minn pajjiz;

Illi fil-gwida dwar l-art. 8 tal-Konvenzjoni Ewropea nsibu s-segwenti:

"***<u>In order to determine whether the interference is necessary in a democratic society, it is important to bear in mind that States are entitled to control the entry of aliens into their territory and their residence there. The Convention does not guarantee the right of an alien to enter or to reside in a particular country and, in pursuance of their task of maintaining public order, Contracting States have the power to expel an alien convicted of criminal offences</u>*** *(ibid., § 68; Üner v. the Netherlands [GC], § 68). When assessing the proportionality of the interference under the right to private life, the Court has generally applied the criteria established in Üner v. the Netherlands [GC] (see, for example, Zakharchuk v. Russia, §§ 46 – 49) as regards settled migrants. For instance, in Levakovic v. Denmark, §§ 42-45, applying the Üner criteria, the Court did not find a violation of the "private life" of an adult migrant convicted of serious offences, who had no children, no elements of dependence with his parents or siblings, and had consistently demonstrated a lack of will to comply with the law.*

*Very serious reasons are required to justify the expulsion of a settled migrant* ***<u>who has lawfully</u>*** *spent all or the major part of his or her childhood and youth in a host country (Maslov v. Austria [GC], § 75). In the very specific case of a foreigner, who had arrived in the host country as a child with a tourist visa, which expired shortly after his arrival, and who had not known about his unlawful stay until he was 17 years old, the Court did not consider the applicant a "settled migrant"* ***<u>because his residence in the host country had not been lawful.</u>*** *In such a case, it could neither be said that the refusal of a residence permit would require very serious reasons to be justified under Article 8 nor that it would violate that provision only in very exceptional circumstances.* ***<u>Instead, the assessment has to be carried out from a neutral starting point, taking into account the specific circumstances of the applicant's case (Pormes v. the Netherlands*,</u>*** *§ 61)."*

18. Illi gialadarba d-dritt ghal hajja familjari ma jistax jitqies bhala wiehed awtomatiku imma jrid jigi ezaminat fil-fatti specie tal-każ, it-talbiet proposti fir-rikors in risposta huma fieragha. Il-fatti specie tal-każ odjern huma in sintezi ta' immigrant illi kkometta reat relatat ma' traffikar ta droga u gie

kkundanat tnax-il (12) sena prigunerija u li ghalhekk ir-residenza tieghu ma kinitx wahda legali jew kontinwa. Mill-lenti tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni dan ir-reat diga' ghandu certu piz. Mhux biss, il-fatti specifici bhal per ezempju illi huwa qatt ma kellu relazzjoni familjari ma' bintu u rrikonoxxiha biss erbatax (14) il-sena wara t-twelid taghha u wara li gew impost fuqu *removal order* u *return decision* jindikaw b'mod car l-mizura mehuda tiffigura fis-subartikolu tnejn (2) tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghaliex:

*"There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right* ***except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic wellbeing of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others****."*

19. Illi tenut kont is-suespost, l-ewwel talba indikata fir-rikors promotur in risposta m'ghandiex tigi milqugha *stante* illi m'hemm ebda ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jew tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghaliex l-interferenza hija legali u gustifikata. Konsegwentament it-talba ghal permess ta' residenza mfissra fit-tieni talba indikata fir-rikors promotur in risposta lanqas m'ghanda tigi milqugha u dan ukoll ghaliex huma semmai l-awtortijajiet kompetenti illi jirregolaw d-dhul u hrug ta' *third country nationals* gewwa t-territorju ta' Malta;

20. Illi finalment it-talba ghad-danni hija wahda fieragha specjalment meta wiehed jqies illi l-minuri llum l-gurnata ghandha sittax il-sena u riesqa lejja l-eta adulta. Dan jfisser illi m'hemm ebda ostaklu illi zzomm hajja familjari mal-attur fil-futur anki jekk missiera ma jirrisjediex gewwa l-gzejjer ta' Malta';

Għaldaqstant għal dawn ir-ragunijiet premessi l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Rat l-atti u dokumenti fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda prodotta fil-perkors ta' din il-proċedura.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Fl-1 ta' Ġunju 2005 twieldet it-tifla Yasmine Farruġia minn relazzjoni li r-rikorrent kellu ma' Fakak Bouchra u bil-paternita' tagħha tiġi stabbilita b'Sentenza Tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Tal-Familja) tas-16 ta' April 2020 (ara fol 225).

Fit-28 ta' Novembru 2007 ir-rikorrent ġie kkundannat tnax -il sena ħabs bis-saħħa ta' Sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Ekramy Fadl Allah Abdel Azizi Mobarak.

Fl-14 ta' Awwissu 2015, l-Intimat uffiċjal tal-Immigrazzjoni ħareġ ordni għar-ritorn lura tar-rikorrent lejn l-Eġittu li huwa pajjiżu.

Ir-rikorrent jgħid li skont is-Sentenza msemmija ingħaqad ma' bintu Yasmine u saħansitra fetaħ negozju mal-imsemmija Fakak. Saħansitra għamel tentattiv jiżżewweġ lill-imsemmija Fakak. Ir-Reġistratur taż-Żwieġ irrifjuta li jnieħed il-proċeduri u t-tnehdijiet biex jiċċelebraw dan iż-Żwieġ.

Ir-rikorrent anke jgħid li meta kien il-ħabs saħansitra kien jgħaddi n-naqra li kien jaqla' lill-omm biex tieħu ħsieb it-tifla. Jgħid ukoll li kemm karċerat hu baqa' f'kuntatt kontinwu kemm mat-tifla u anke ma' ommha.

Jgħid ukoll li hu u omm it-tifla ilhom is-snin jgħixu flimkien u għalhekk jekk ser ikun imneħħi bl-ordni fuq imsemmija, f'ċirkostanzi bħal dawn ser ikunu lezi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa minn artikoli 32 u 8 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament.

Tajjeb li jingħad li r-rikorrent għamel diversi proċeduri izda mingħajr suċċess. Appella qudddiem il-Bord tal-Immigrazzjoni, quddiem il-Bord taċ-Ċittadinanza, quddiem il-Qorti tal-Appell u anke għamel proċeduri quddiem il-Prim Awla. Kull darba t-talbiet tiegħu ġew miċħuda, b’dik tal-aħħar minħabba nuqqas ta’ eżawriment ta’ rimedji ordinarji.

**Punti ta’ Liġi.**

Il-punti legali huma pjuttost sempliċi. Ir-rikorrent qiegħed jinvoka l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni li jiddisponi hekk:

*“1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta’ daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f’soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ ħaddieħor”*

Qiegħed ukoll jkun invokat il-ksur tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni li jiddisponi hekk:

*“Billi kull persuna f’Malta hija intitolata għad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu, jiġifieri, id-dritt, tkun xi tkun ir-razza, post ta’ oriġini, fehmiet politiċi, kulur, twemmin, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru tagħha,*

*iżda suġġett għar-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn u tal-interess pubbliku, għal kull waħda u kollha kemm huma dawn li ġejjin, jiġifieri;*

*(a) il-ħajja, libertà, sigurtà tal-persuna, it-tgawdija ta'proprjetà u l-protezzjoni tal-liġi;*

*(b) il-libertà ta' kuxjenza, ta' espressjoni u ta' għaqda u assoċjazzjoni paċifika;*

*u (ċ) ir-rispett għall-ħajja privata u familjari tiegħu.*

Id-disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu jkollhom effett sabiex jagħtu protezzjoni għad-drittijiet u libertajiet imsemmija qabel, salvi dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-disposizzjonijiet li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti ser tgħaddi biex tqies l-ewwel il-leżjoni tal-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni.

*<u>Art 32 tal-Kostituzzjoni</u>*

Kien ikun biżżejjed għal din il-Qorti li tirreferi għal dak li jiddisponi l-artikolu 46(1) biex tikkonkludi li artikolu 32 per se tal-Kostituzzjoni ma jagħtix lok għall-azzjoni. Dan l-artikolu jagħmilha ċara li azzjoni taħt Kapitolu 4 tal-Kostituzzjoni tista' issir biss fir-rigward tad-drittijiet elenkati minn artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Iżda anke l-istess artikolu 32 jafferma dan, meta jagħmel referenza li l-protezzjoni

tad-drittijiet li jelenka dan l-artikolu, il-protezzjoni testendi għad-"disposizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-Kapitolu."

Din dejjem kienet il-posizzjoni li ħadu dawn il-Qrati nkwantu jirrigwarda dan l-artikolu partikulari tal-Kostituzzjoni. Di fatti s-Sentenzi jgħallmu hekk:

Illi tenut kont ta' dan kollu u fid-dawl tal-eċċezzjonijiet tal-intimat, jingħad fl-ewwel lok dwar l-applikabbilita' ta' l-artikolu 32 (c) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li r-rikorrenti qed jallega li dan l-artikolu jitkellem dwar ir-rispett għall-ħajja privata u familjari. F'dan il-kuntest jingħad li l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' l-intimati f'dan ir-rigward fis-sens li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni m'huwiex wieħed enforzabbli taħt l-artikolu 46 ta' l-istess Kostituzzjoni li huwa l-artikolu li jagħti l-ġurisdizzjoni lil din il-Qorti li teżamina ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Dan l-artikolu 46 infatti jsemmi biss id-drittijiet fundamentali elenkati fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni u allura t-talbiet tar-rikorrenti fuq dan il-punt qed jiġu miċħuda. Illi dwar dan il-punt jingħad li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ġie dejjem interpretat bħala artikolu li jikkontjeni biss dikjarazzjoni ta' prinċipji li minkejja li huma prinċipji bażiċi u li għandhom jiġu segwiti ma kinux enforzabbli quddiem Qorti.

Pero' d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, tad-dar u tal-korrispondenza huma msemmija wkoll fl-artikolu 8 u jifformaw parti integrali mid-dritt sostantiv tagħna fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. ( Ara **Joseph Schembri vs Onorevoli Prim Ministru bħala Kap tal-Gvern ta' Malta et" – P.A (SK) - 25 ta' Jannar, 2002**) u **Sentenza tal-Prim Awla Qorti Ċivil [Sede Kostituzzjonali] tat-30 ta'**

**Novembru, 2010 , fl-ismijiet Joanne Cassar vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku u L-Avukat Ġenerali**).

Dan ifisser, li l-ilment tal-esponenti fir-rigward ta’ dan l-artikolu partikulari mhux ser ikun milqugħ. Għalhekk ser tgħaddi biex tikkonsidra l-ilment taħt artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

*Art 8 tal-Konvenzjoni*

Il-Qorti tibda biex tinnota li l-legami tal-familjari kollha mal-wild, sabiex ikollu kemm jista’ jkun ħajja eqreb lejn dik normali bħal tfal oħra, ma huwiex biss dritt tal-ġenitur, iżda kif jingħad fid-duttrina anglosassona, huwa wkoll dritt tal-minuri. (ara **Deċiżjoni tal-Appell Superjuri tal-14 ta’ Diċembru 2018 fl-ismijiet Joseph Micallef f’ismu propju u bħala kuratur ‘ad litem’ tal-minuri Jay Jay Micallef v. Lesya Micallef nee’ Grinishina**).

B’dana kollu din il-Qorti sabitha stramba kif it-tifla Yasmine, li llum għandha 19 -il sena ma tressqitx biex tixhed. Fis-sewwa, ir-rikorrent jgħid ħafna affarijiet fir-rikors tiegħu iżda għal xi raġuni naqas li jissostanzjahom klamorosament. Din l-attitudni diġa’ ħadha quddiem tribunal u Qrati oħrajn. Osservazzjoni li anke għamlet il-Qorti tal-Appell.

Bħal donnu li r-rikorrent jistrieħ ħafna fuq il-fatt li bis-sentenza ta’ paternita’ ikun biżżejjed biex isostni l-pretensjoni. Il-Qorti tibda biex *tosserva* li kieku tassew kellu l-interess ta’ bintu kien jagħmel kawża bħal din, dakinhar li twieldet jew ftit żmien wara u mhux 15 -il sena wara, biex illum għandha kunjom ta’ ħaddieħor.

Fil-każ ta' **Evers -vs- Germanja il-Qorti tal-QEHD** osservat "*the mere fact that the applicant had been living in a common household with his partner and her mentally disabled daugħter and that he was the daugħter's biological father did not constitute a family link which was protected by Article 8*". Apparti dan "*In cases concerning a parent's relationship with his or her child, there is a duty to exercise exceptional diligence in view of the risk that the passage of time may result in a de facto determination of the matter*" (Ara **Ribić -vs- Croatia, § 92**).

Li jintitola lil dak li jkun il-ħarsien tal-artikolu 8 ma hiex biss il-konnessjoni bijoloġika, lanqas il-fatt li dak li jkun qiegħed jirrisjedi ma' omm il-wild. Hemm fattur ħafna iktar importanti minn hekk, konsistenti fl-aspett emozzjonali u rabta ossia '*bonding'* bejn il-ġenitur u wild. L-esibizzjoni tar-ritratti ma humiex biżżejjed, għaliex dawn huma evidenza biss tal-mument. Dak li riedet il-Qorti kien, li tisma' lil Yasmine u lil Fakak biex fost oħrajn jikkonfermaw li kien jgħaddi l-manteniment mill-ħabs, li tassew kienu jżuruħ bi frekwenza u kif kienu r-relazzjonijiet tagħhom mar-rikorrent. Iżda għal darba oħra, ir-rikorrent bħal ma għamel quddiem Tribunali oħrajn b'retiċenza li tħasseb lill-Qorti, naqas li jtellagħhom biex jixhdu. Lanqas fil-kawża tal-paternita' ma ressaqhom biex jixhdu, nonostante intalbet l-allegazzjoni ta' dik il-proċedura. Il-Qorti kienet qed tittama li ssib xi ħaġa hemm iżda xejn. Veru li din hi azzjoni kostituzzjonali, iżda l-prova tal-ksur trid issir mir-rikorrent.

Il-Qorti tfakkar li "*the removal of the non-national family member would be incompatible with Article 8 only in exceptional circumstances"* ( Ara **Abdulaziz,**

**Cabales and Balkandali v. the United Kingdom, § 68; Mitchell v. the United Kingdom (dec.); Ajayi and Others v. the United Kingdom (dec.); Rodrigues da Silva and Hoogkamer v. the Netherlands; Biao v. Denmark [GC], § 138). U Jeunesse v. the Netherlands**). Issa l-Qorti fittxet sewwa fl-atti u ma sabet xejn eċċezzjonali li jista' jingħad li jikser artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

Ir-rikorrent kellu għad-disposizzjoni tiegħu r-rimedji ordinarji sabiex jikkontesta d-deċiżjoni ta' tneħħija. Dan għamlu mingħajr suċċess, in parti tort tiegħu għaliex dejjem naqas li jressaq il-provi idoneji, bħal ma ġara f'dan il-każ. F'dan ir-rigward intqal li "*in immigration matters, where there is an arguable claim that expulsion threatens to interfere with the alien's right to respect for his or her private and family life, Article 13 in conjunction with Article 8 of the Convention requires* <u>*that States must make available to the individual concerned the effective possibility of challenging the deportation or refusal of residence order*</u> *and of having the relevant issues examined with sufficient procedural safeguards and thoroughness by an appropriate domestic forum offering adequate guarantees of independence and impartiality*" (ara Emfazi **M. and Others v. Bulgaria, §§ 122-132; Al-Nashif -vs- Bulgaria, § 133**). Issa r-rikorrent ċertament ma jistax jilmenta li ma kellux opportunita' biex jopponi għall-ordni ta' tneħħija.

Kwantu għall-allegazzjoni li ried jiżżewweġ u tħalliex, għal darba oħra assenza totali ta' provi. La tressaq ir-Reġistratur taż-Żwiġijiet u lanqas Awtoritajiet. Kif tista' il-Qorti tagħmel valutazzjoni ta' ilment bħal dan!

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tiċħad it-talbiet kollha** rikorrenti.

Spejjes għar-rikorrent.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**